**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 16 ta' Dicembru, 2020**

**Rikors Numru: 468/2005 MLF**

**Clinical Administrative Services Limited u b'nota tat-23 ta' Marzu 2015 is-socjeta' AX Holdings Limited (C 3565) assumiet l-atti fil-kawza odjerna minflok Clinical Administrative Services Limited**

**vs**

**Antoinette Mifsud f'isimha proprju u bhala eredi tad-decujus Marcel Mifsud, u b'digriet tal-Qorti ta' l-14 ta' Jannar, 2013 zdiedu bhala konvenuti eredi ta' Marcel Mifsud, Marcel Karl, Marie Desiree, Edward u Stefan, ilkoll ahwa Mifsud, u b'digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Marzu, 2016, fejn hemm indikat il-kliem "*bhala eredi tad-decujus Marcel Mifsud,*" dawn il-kliem gew kancellati**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet li l-konvenuta f'isimha proprju u bhala eredi tad-decujus Marcel Mifsud tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u disghin Lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm1,895.15) rapprezentati

prezz ta' servizzi rezi lilha, inkwantu ghal elf, sebgha mija u sebghin Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1770.62) ghas-servizzi rezi lilha u in kwantu ghal mija erbgha u ghoxrin Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm124.53) ghas-servizzi resi lid-decujus Marcel Mifsud fuq inkarigu taghha stess.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattura akkumulati kontra taghha.

2. Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Antoinette Mifsud fejn eccepiet:

i. In-nullita' ta' l-avviz, billi ghandu mankanzi li ma humiex sanabbli.

ii. Illi n-notifika ta' l-avviz lill-eccipjenti hija monka u jonqosha dettalji ta' importanza li jirrenduha nulla.

iii. Illi l-eccipjenti ma hix l-eredi ta' Marcel Mifsud u ghalhekk, in kwantu citata bhala l-eredi tieghu, ma hix il-legittima kontradittur tas-socjeta' attrici u ghandha tigi estromessa mill-kawza.

iv. Illi l-eredita' ossia l-eredi ta' Marcel Mifsud, ghalkemm citati fil-kawza, ma gewx indikati u anqas notifikati, u ghalhekk l-istess kawza ma tistax tipprosegwi minghajrhom.

v. Illi l-azzjoni attrici, in kwantu diretta lejn il-konvenuta Antoinette Mifsud u lejn l-eredita' ta' Marcel Mifsud, hi fiz-zewg kazi preskritta (Artikoli 2148 u 2149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

vi. Illi l-azzjoni attrici hi kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi michuda.

3. Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-4 ta' Ottubru 2006, fejn cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuta u ordnat il-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez rizervati.[1]

[1] Ara s-sentenza preliminari tal-4 ta' Ottubru 2006 a fol. 15 tal-process

4. Rat id-digriet ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-14 ta' Jannar 2013, fejn ordnat li jizdiedu bhala konvenuti eredi tal-konvenut Marcel Mifsud, Marcel Karl, Marie Desiree, Edward u Stefan, ahwa Mifsud.

5. Rat ir-risposta bl-eccezzjonijiet ta' Marcel Karl Mifsud, Marie Desiree Degiorgio Mifsud, Edward u Stefan Mifsud, fejn eccepew:

   i. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra, in-nullita tal-kawza u/jew tal-avviz kif notifikat lill-eccipjenti. Dan ghaliex il-kumpanija Clinical Administrative Services Limited illum ma tezistix, kienet biddlet isimha ghal Universal Supplies Limited fis-17 ta' Awwisu 2006, u f'Jannar 2013 giet assorbita permezz ta' merger mill-kumpanija AX Holdings Limited.

   ii. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Qorti *ratione valoris, inter alia* ai termini tal-artikolu 56A tal-Kap XII u l-Artikolu 3 tal-Kap. 380.

   iii. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni fil-konfront tal-eccipjenti hija preskritta ai termini tal-Artikoli 2148 u/jew 2149 tal-Kap XII.

   iv. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-eccipjenti ma humiex legittimi kontradittturi ghal parti kbira mit-talba u f'tali rigward ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

   v. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-eccipjenti ma ghandhom jaghtu xejn mill-ammonti mitluba fl-avviz.

   vi. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet fl-avviz huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghas-suesposti ragunijiet jigu michuda bl-ispejjez.

6. Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 2015, fejn Dottor Antonio Tufigno irtira l-ewwel eccezzjoni fir-risposta ta' Marcel Karl Mifsud et, in vista tal-fatt illi l-kontro-parti ivverbalizzat li taccetta illi thallas kwalunkwe spejjez, jekk ikun hemm, relatati ma' l-istess....

7. Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Marzu 2016, fejn iddisponiet mir-rikors tal-konvenuta Antoinette Mifsud tal-20 ta' Jannar 2014, billi laqghetu in kwantu talbet li tigi ordnata l-estromissjoni taghha in kwantu citata bhala eredi ta' Marcel Mifsud, izda tibqa' konvenuta fil-kawza f'isimha propju, u cahdet il-kumplament tat-talba.[2]

8. Rat is-sentenza parzjali tat-22 ta' Gunju, 2016 li permezz taghha din il-Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Marcel Karl, Marie Desiree, Edward u Stefan ahwa Mifsud, iddikjarat li hija nkompetenti *ratione valoris* li tiehu konjizzjoni ta' dik il-parti tat-talba tas-socjeta' attrici diretta kontra dawn il-konvenuti, u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik il-parti tat-talba attrici. Fl-istess sentenza, din il-Qorti wkoll ordnat il-prosegwiment tal-kawza kontra l-konvenuta Antoinette Mifsud skond il-ligi, bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.[3]

9. Rat il-verbal tat-22 ta' Gunju, 2016 fejn din il-Qorti ordnat li l-ahhar zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta Antoinette Mifsud - l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u dik dwar il-mertu – jigu decizi flimkien. [4]

10. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollhaipprezentati.

11. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri taghhom.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

12. L-unika prova dwar il-mertu prodotta f'dawn il-proceduri kienet ix-xhieda ta' Michael Warrington, Kap Ezekuttiv tas-socjeta' attrici li xehed li l-ammont pretiz mis-socjeta'

---

[2] Ara d-digriet tad-9 ta' Marzu 2016 a *fol.* 106 tal-process
[3] Ara s-sentenza parzjali tat-22 ta' Gunju 2016 a *fol.* 110 tal-process.
[4] Ara l-verbal tat-22 ta' Gunju 2016 a *fol.* 109 tal-process.

attrici huwa relattiv ghal operazzjonijiet li kienu saru fl-Isptar Capua.[5] Ix-xhud esebixxa zewg fatturi datati 17 ta' Dicembru 2002 mahruga lill-konvenuta taht l-intestatura *Capua Palace Hospital* ghal servizzi allegatament forniti lilha bejn l-4 ta' Awwissu 2001 u t-30 ta' Awwissu 2001. L-ewwel fattura ggib in-numru 016263/S u hija fl-ammont ta' Lm1,650.62. It-tieni fattura ggib in-numru 020554/S u hija fl-ammont ta' Lm120.[6]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

13. L-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-konvenuta Antoinette Mifsud gew sorvolati matul dawn il-proceduri. Pero din il-Qorti fadlilha tikkunsidra l-hames eccezzjoni tal-konvenuta qabel tghaddi biex tikkunsidra l-mertu tal-vertenza.

*Il-Hames Eccezzjoni tal-konvenuta – dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2148 u 2149 tal-Kodici Civili*

14. Permezz tal-hames eccezzjoni taghha, l-konvenuta Antoinette Mifsud eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2148 u 2149 tal-Kodici Civili. Madankollu la fir-risposta taghha u lanqas f'xi stadju ulterjuri ta' dawn il-proceduri il-konvenuta ma specifikat taht liema subinciz ta' dawn l-Artkoli kienet qieghda tibbaza l-preskrizzjoni minnha eccepita.

15. Il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili jipprovdi illi: "*Il-qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata*."

16. Sentenza li interpretat dan l-artikolu hija dik fl-ismijiet **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia** tat-22 ta' Gunju, 2005 il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[7], li kienet titratta l-kwistjoni jekk meta tigi eccepita l-preskrizzjoni ghandux jigi specifikat mhux biss l-artikolu tal-ligi izda wkoll is-subartikolu tieghu. F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

---

[5] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Michael Warrington a *fol.* 127 tal-process.
[6] Ara dawn iz-zewg fatturi immarkati MW-02 u MW-03 a *fol.* 121 u 122 tal-process.
[7] *Per* Imhallef Philip Sciberras

"*Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka d' ufficio il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-gudikant jassumi d' ufficio tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta; … …*

*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f'dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b'mod sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f'ben hames incizi distinti jisprospetta l- preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra." – Joseph Grech vs Emanuele Camilleri et, Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977*"

17. L-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili jipprospetta l-preskrizzjoni f'sitt sub-incizi distinti, filwaqt li fiz-zmien meta inghatat din l-eccezzjoni l-Artikolu 2149 kien jikkontempla hames azzjonijiet li jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.[8] Kull wiehed mis-sub-inicizi ta' dawn iz-zewg artikoli jipprospetta azzjoni ghal kollox differenti mill-ohra. La darba l-konvenuta baqghet ma indikatx taht liema subinciz ta' dawn l-artikoli hi kienet qeghda tibbaza din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, din il-Qorti ma tistax tirricerka hi stess is-subinciz li seta' kien applikabbli ghall-fattispeci ta' dan il-kaz. Kien jinkombi fuq il-konvenuta l-oneru li taghzel liema hija dik l-ipotesi kontemplata mil-ligi applikabbli ghal dan il-kaz, u n-nuqqas taghha li taghmel dan jirrendi tali eccezzjoni inammissibbli. Konsegwentement, il-hames eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi michuda.

18. In vista' ta' dak appena deciz, ikun ezercizzju biss akkademiku li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq l-argumenti mressqa mill-partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni u l-applikabilita' o meno tal-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili

[8] Permezz tal-Att VIII tal-2007 gie mhassar il-paragrafu (e) tal-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili, biex b'hekk illum dan l-artikolu jipprevedi erba' u mhux hames azzjonijiet li jaqghu bi preskrizzjoni ta' sentejn.

u l-emendi li saru f'dan l-Artikolu permezz tal-Att I tal-2017. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-argumenti mressqa mill-partijiet f'dan ir-rigward.

*Il-Mertu*

19. Permezz tas-sitt eccezzjoni taghha, il-konvenuta Antoinette Mifsud tecepixxi illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-konvenuta spjegat din l-eccezzjoni billi targumenta li s-servizzi li allegatament gew rezi lilha nghataw mill-kumpannija *Capua Palace Limited* u mhux mis-socjeta' attrici. In oltre, il-konvenuta tikkontendi li l-fatturi esebiti mis-socjeta' attrici ma humiex dokumenti originali u ghalhekk ma jikkostitwux l-ahjar prova skond il-ligi.

20. Da parti taghha s-socjeta' attrici tikkontendi li tressqu bizzejjed provi sabiex jissostanzjaw it-talbiet taghha u targumenta li fl-ebda hin ma gie allegat illi s-servizzi indikati fil-fatturi ma gewx rezi lill-konvenuta jew li dawn is-servizz gew rezi b'mod hazin jew negligenti.

21. Il-Qorti tibda billi tosserva illi huwa principju ewlieni fil-kamp civili illi l-oneru biex tipprova il-kaz taghha jinkombi fuq il-parti attrici u mhux fuq il-konvenut, u dan ghaliex fin-nuqqas tapplika l-massima legali illi *actore non probante reus absolvitur*. Dan il-principju huwa wkoll rifless fl-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jippreskrivi illi "*Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" Kien ghalhekk jispetta lis-socjeta' attrici li tipprova sodisfacentement illi hija kienet kreditrici tal-konvenuta. Kif inhu maghruf, il-grad ta' prova rikjest fil-procediment civili, ghad-differenza ta' dak rikjest fi procediment kriminali, trid tkun tali li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju li l-allegazzjoni vantata mill-parti attrici tirrizulta mill-atti fuq bazi ta' probabilita.

22. L-unici provi li tressqu fil-mertu f'dawn il-proceduri kienu x-xhieda ta' Michael Warrington, Kap Ezekuttiv tas-socjeta' attrici, u z-zewg fatturi li gew esebiti minn dan ix-xhud. Fin-nota ta' sottomissjonjiet taghha l-konvenuta targumenta li l-fatturi esebiti mis-socjeta' attrici huma fotokopji u mhux il-fatturi originali, u li ghalhekk dawn ma jikkostitwux l-ahjar prova. Huwa minnu li l-Artikolu 559 tal-Kodici ta' Procedura Civili jipprovdi illi "*Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti*

*tista' ggib.*", madankollu dan ma jfissirx li jekk il-parti ma tistax iggib l-ahjar prova, it-tieni l-ahjar prova hija inammissibbli. Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Guzeppi Cini vs Joseph Cini et** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri)[9] fit-18 ta' Mejju 2005, "*fl-ordinament guridiku taghna tali prova tista' tigi ottenuta bi kwalsiasi mod mir-rizultanzi istruttorji, purke titqies valevoli ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant. Xejn ma huwa eskluz, lanqas l-utilizzazzjoni tax-xhieda jew prova supplita minn xi parti, gjaladarba anke din kapaci tforni elementi favorevoli lill-kontroparti*;

23. F'dan il-kaz Michael Warrington spjega bil-gurament tieghu li l-ahjar prova li s-socjeta' attrici setghet tipproduci kienu kopji ta' dawn il-fatturi u dan ghaliex l-originali taghhom kienu nbghatu lill-konvenuta. Il-Qorti tqis li mill-atti processwali ma hemm xejn li jista' jwassal lil din il-Qorti sabiex tiddubita l-awtenticita' ta' dawn il-fatturi. Madankollu kif jirrizulta mill-istess fatturi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici, dawn inhargu minn Capua Palace Limited u mhux minn AX Holdings Limited jew mis-socjeta' Clinical Administrative Services Limited li originarjament kienet intavolat dawn il-proceduri. Dan il-fatt iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li s-servizz li tieghu qieghed jintalab il-hlas kien prestat minn Capua Palace Limited.

24. Huwa minnu li fuq il-fatturi hemm indikat li din il-kumpanija tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji bl-isem AX Holdings. Madankollu il-Qorti tosserva li Clinical Administrative Services Limited, AX Holdings Limited u Capua Palace Limited huma tlett socjetajiet separati u distinti minn xulxin. Ma hemmx dubbju li kull socjeta fi "grupp ta' socjetajiet" ghandha personalita guridika distinta u ghandha d-debituri u l-kredituri taghha. Min-naha l-ohra, m'hemmx dubbju li filwaqt li "grupp ta' socjetajiet" jistghu ikunu jikkostitwixxu intrapriza wahda mil-lat tar-realta ekonomika, legalment m'ghandu l-ebda ezistenza separata. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax dan il-fatt guridiku.

25. Is-socjeta' attrici naqset milli tressaq provi sodisfacjenti li l-kumpanija AX Holdings Limited hija s-successur fit-titolu tas-socjeta' Capua Palace Limited u tas-socjeta' Clinical Administrative Services Limited. Fl-atti ma hemm ebda dokument in sostenn ta' din it-tezi tas-socjeta' attrici, ghajr ghal dikjarazzjoni tax-xhud Michael Warrington li l-ewwel qal li s-socjeta' attrici "*hija sussidjarja ta' AX Holdings*" imbaghad qal li s-socjeta' attrici "*giet*

[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*immergjata gol-AX Holdings*".[10] Madankollu il-Qorti tqis li din id-dikjarazzjoni ma hijiex bizzejjed sabiex tnehhi minn fuq is-socjeta' attrici l-oneru li tipprova l-fatti minnha allegati. Dan ma kienx sempliciment kaz fejn l-istess socjeta' biddlet isimha fil-kors taz-zmien izda tlett kumpanniji differenti b'personalita' guridika distinta. Il-Qorti tqis li s-socjeta' attrici setghet facilment taghmel tali prova bl-esebizzjoni ta' dokumenti li certament kienu accessibbli ghaliha, u din il-Qorti ma tistax tikkolma n-nuqqasijiet fil-produzzjoni tal-provi da parti tas-socjeta' attrici billi tassumi dak illi mill-atti ma jirrizultax.

26. Ghaldaqstant, stante li ma tirrizultax sufficjentement ippruvata, it-talba attrici ser tigi michuda.

**Konkluzjoni**

27. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tichad il-hames eccezzjoni tal-konvenuta Antoinette Mifsud;

2. Tilqa' s-sitt eccezzjoni tal-konvenuta Antoinette Mifsud, u konsegwentement tichad it-talba attrici fit-totalita taghha;

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tas-sentenzi preliminari tal-4 ta' Ottubru 2006 u tat-22 ta' Gunju 2016, ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta' attrici.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**

[10] Ara x-xhieda ta' Michael Warrington a *fol.* 127 tal-process.